MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-9 ta' Ġunju, 2023

Appell Inferjuri Numru 207/2016 LM

**Automated Revenue Management Services Ltd (C46054)**
**f'isimha proprju u għan-nom tal-Enemalta p.l.c.**
*('is-soċjetà appellata')*

***vs.***

**Kenneth Ruggier** *('l-appellant')*
**u b'digriet tal-Qorti datat 28 t'Awwissu, 2018**
**ġie kjamat fil-kawża Alex Baldacchino** *('l-kjamat appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul minn **Kenneth Ruggier (K.I. nru. 398463M)**, [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], tat-18 ta' Jannar, 2022 [minn issa 'is-sentenza appellata'], li permezz tagħha l-Ewwel Qorti laqgħet l-

eċċezzjonijiet tal-kjamat in kawża **Alex Baldacchino** [hawnhekk 'il-kjamat appellat'], u laqgħet it-talbiet tas-soċjetà intimata **Automated Revenue Management Services Ltd pro et noe** [hawnhekk 'is-soċjetà appellata' jew 'l-ARMS'] billi ddikjarat li t-talba magħmula bl-ittra uffiċjali numru 1068/2016 mibgħuta lir-rikorrent *ai termini* tal-artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta għandha tiġi eżegwita bħala titolu eżekuttiv, u dan b'effett mid-data tat-2 t'Awwissu, 2011, jiġifieri minn ħames snin qabel id-data li fiha l-intimat Kenneth Ruggier ġie notifikat bl-ittra uffiċjali li nterrompiet il-preskrizzjoni.

**Fatti**

2. Permezz ta' rikors intavolat minn Kenneth Ruggier quddiem l-Ewwel Qorti, huwa qal li fit-2 t'Awwissu, 2016 ġie notifikat b'ittra uffiċjali fl-ismijiet **Automated Revenue Management Services Ltd (C 46054) f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta p.l.c. *vs.* Kenneth Ruggier**, fejn huwa ntalab iħallas is-somma ta' elfejn, seba' mija u tnejn u sebgħin Euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€2,772.35) rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum ta' elettriku, kera ta' *meter* tal-elettriku, spejjeż amministrattivi, spejjeż ta' konnessjoni u qtugħ tas-servizz, u l-imgħax dovut fuq dan l-ammont skont il-liġi, u dan fir-rigward tal-fond 56, Triq San Ġwann, Valletta [minn issa 'il-fond']. Kenneth Ruggier qal li in linea preliminari, it-talba tas-soċjetà ARMS hija legalment improponibbli safejn din tirrigwarda spejjeż amministrattivi, *connection* u *disconnection fees,* u l-imgħax dovut fuq dawn l-ammonti, u dan għaliex l-artikolu 466(1) tal-Kap. 12 japplika biss għal ammonti dovuti għall-provvista ta' ilma u elettriku, u għall-kera tal-*meters* relatati. Qal li in linea preliminari wkoll, iżda mingħajr

preġudizzju għall-predett, ir-rikorrent mhux il-leġittimu kontradittur għat-talba tal-ARMS u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Qal li huwa kera l-fond mingħand ċertu Alex Baldacchino, liema kirja ġiet itterminata aktar minn ħmistax-il sena qabel, jiġifieri f'Jannar tas-sena 2001. Qal li wara dakinhar, huwa ma kellu l-ebda konnessjoni oħra ma' dan il-fond, u għalhekk m'għandux jintalab jagħmel tajjeb għal xi pendenzi dovuti wara dik id-data. Qal ukoll li t-talba tal-ARMS in kwantu diretta fil-konfront tiegħu, hija preskritta bid-dekors ta' ħames (5) snin a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. Ir-rikorrent qal li t-talba li saret fil-konfront tiegħu hija infondata fil-fatt u fid-dritt, għaliex wara li huwa kien ivvaka mill-fond f'Jannar 2001, huwa kien flimkien ma' Alex Baldacchino issottometta formula ta' *change of consumer,* u għalhekk huwa ma jistax jinżamm responsabbli għal tali pendenzi. Ir-rikorrent qal li jispetta lill-ARMS li tressaq prova ċara u skont il-liġi tal-ammont mitlub minnha, u tas-servizzi allegatament reżi lilu, a tenur tal-artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Finalment ir-rikorrent sostna li t-talbiet tal-kumpannija intimata huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt.

**<u>Mertu</u>**

3. Għal din it-talba ta' Kenneth Ruggier, is-soċjetà ARMS wieġbet bili qalet li l-artikolu 466 tal-Kap. 12 jista' jiġi applikat għal ammonti dovuti għall-provvista tal-ilma u l-elettriku u għall-kiri tal-*meters* relatati. Qalet li meta jingħad li l-ammonti huma dovuti għall-"provediment", dan jinkludi wkoll kull dritt, spejjeż u *charge* ieħor konness mal-istess servizz jew servizzi, u qalet li l-argument ta' Ruggier ma jagħmilx sens għaliex altrimenti jkun meħtieġ li jiġu intavolati żewġ

proċeduri separati għall-ħlasijiet dovuti. Qalet li l-kont li għalih qiegħed jintalab il-ħlas għadu rreġistrat f'isem ir-rikorrent, u qatt ma ġiet ippreżentata xi talba jew formola sabiex dan il-kont jiġi trasferit għal fuq xi ħadd ieħor, u l-unika relazzjoni ġuridika li hija għandha hija ma' Kenneth Ruggier u ma' ħadd aktar. Qalet ukoll li l-fatt Ruggier kien ittermina l-kirja ta' dan il-fond ma jfissirx li b'daqshekk ġiet itterminata r-responsabbilità tiegħu fir-rigward ta' dawn is-servizzi, u biex jeżimi ruħu mir-responsabbilità tiegħu, huwa kellu jew jitlob li jittrasferixxi l-kont fuq xi ħaddieħor, jew jitlob li jitneħħew is-servizzi, u dan wara li jsegwi l-proċeduri meħtieġa, billi jissalda l-kont u jippreżenta l-formuli appożiti. Ġie eċċepit ukoll li fir-rigward tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mogħtija minn Ruggier, is-servizzi għadhom installati fil-fond in kwistjoni sal-lum, u għalhekk għadhom joħorġu l-kontijiet, u għalhekk l-ittra uffiċjali maħruġa minnha għadha valida, u għandha tiġi reża eżekuttiva fil-konfront ta' Ruggier.

4. **Reuben Bonnici** in rappreżentanza tas-soċjetà intimata deher quddiem l-Ewwel Qorti u ppreżenta dokumenti u kontijiet marbuta mal-pretensjonijiet tas-soċjetà ARMS. Ix-xhud qal li l-formula tal-bidla tal-konsumatur ma nstabitx fir-*records* tas-soċjetà ARMS. L-istess xhud qal li l-*meter* tal-fond kien inbidel f'April tal-2015. Qal ukoll li l-kumpannija ARMS m'għandhiex *records* f'isem Alex Baldacchino.

5. **Alex Baldacchino** xehed li huwa xtara l-fond in kwistjoni fl-1975 u l-post għadu tiegħu. Qal li huwa kera dan il-ħanut lil Kenneth Ruggier b'effett mill-24 ta' Marzu, 1988. Qal ukoll li l-kontijiet tad-dawl u l-ilma dejjem kienu joħorġu fuq Ruggier, u meta l-kirja ntemmet, is-soċjetà ARMS kienet qatgħet il-provvista

tad-dawl tal-fond għaliex ir-rikorrent ma kienx qiegħed iħallas il-kirjiet dovuti minnu. Ix-xhud qal li Ruggier ħareġ mill-fond f'Ottubru tal-2005. Qal li huwa ma jafx jekk għadx hemm *meter* tad-dawl installat fil-fond, iżda qal li servizz tad-dawl m'hemmx żgur. Qal ukoll li huwa ma jiftakarx jekk wara li ħareġ Ruggier mill-fond kinitx imtliet il-formula għall-bidla tal-konsumatur.

6. **Kenneth Ruggier**, fl-*affidavit* tiegħu qal li fl-1988 huwa kien kera ħanut ġewwa r-Ritz Shopping Centre, Triq Repubblika, Valletta mingħand Alex Baldacchino, u huwa dam jikri dan il-ħanut sal-bidu tal-2004. Qal li wara li ħareġ mill-ħanut fil-bidu tal-2004, hu u Baldacchino kienu mlew iċ-*change of consumer form* għaliex il-kontijiet tad-dawl u l-ilma kienu joħorġu f'ismu, u għal snin twal bejn l-2004 u l-2015 huwa ma sema' xejn aktar mingħand l-ARMS dwar dawn il-kontijiet. Qal li xi tliet snin ilu huwa beda jirċievi kontijiet mingħand l-ARMS rigward il-konsum tad-dawl u l-ilma tal-fond. Spjega li huwa kien jaf li Alex Baldacchino kellu numru kbir ta' arloġġi tad-dawl u l-ilma rreġistrati fuq dan l-indirizz, u għalhekk ma kienx ċert għal liema ħanut qegħdin jirreferu dawn il-kontijiet. Qal li huwa jaf żgur li huwa kien ilu aktar minn għaxar snin li ħareġ mill-ħanut mikri lilu meta beda jirċievi dawn il-kontijiet, u huwa ħa ħsieb li dawn il-kontijiet jgħaddihom lil Alex Baldacchino sabiex jieħu ħsieb iħallashom hu. Qal li għandu jirriżulta li l-kont li l-ARMS qegħda tippretendi l-ħlas tiegħu niżel għal LM3.14 fl-2007, u għalhekk l-ammont ta' €2,772.35 pretiż f'dawn il-proċeduri ġie rreġistrat mill-2007 'il quddiem, jiġifieri f'perijodu meta huwa ma kellu x'jaqsam xejn mal-fond in kwistjoni għaliex kien ilu li ħareġ minnu. Qa li dan l-ammont mhux dovut minnu għaliex huwa ilu mill-2004 li ħareġ mill-fond.

7. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, Ruggier qal li huwa kien mar f'uffiċċju biex jimla l-formula tal-bidla tal-konsumatur flimkien ma' Alex Baldacchino, iżda ma kienx żamm kopja ta' din il-formula. Huwa kkonferma li għamel numru ta' snin ma jirċevix kontijiet, iżda imbagħad reġa' beda jirċievi l-kontijiet tad-dawl u l-ilma wara l-2015, liema kontijiet jgħid li kien jgħaddihom lil Baldacchino. Qal li meta ħareġ mill-ħanut, huwa ma ħalla l-ebda kont pendenti, għalkemm huwa qatt ma mar fl-uffiċċju tal-ARMS sabiex jara x'kien qiegħed jiġri meta snin wara reġa' beda jirċievi l-kontijiet. Qal ukoll li wara li huwa ma baqax jikri il-ħanut, dan inkera lil xi ħadd ieħor, u għalhekk ma jistax ikun li ma kienx hemm provvista tad-dawl fil-ħanut. Qal li kien hemm drabi meta huwa għadda mill-inħawi u ra l-ħanut mixgħul.

8. **Alex Baldacchino**, fix-xhieda tiegħu kkonferma li wara li ġiet itterminata l-kirja favur ir-rikorrent, il-ħanut inkera lil xi ħadd ieħor. Qal li ma jafx eżattament il-ħanut kemm kien ilu vojt.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

9. L-Ewwel Qorti permezz tas-sentenza appellata ċaħdet it-talbiet ta' Kenneth Ruggier, billi ddikjarat li t-talba magħmula bl-ittra uffiċjali numru 1068/2016 mibgħuta lilu *ai termini* tal-artikolu 466 tal-Kap. 12, għandha tiġi esegwita bħala titolu eżekuttiv, b'effett mit-2 t'Awwissu, 2011, jiġifieri minn ħames snin qabel, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Ikkunsidrat:***

***Fatti tal-Każ***

*Illi r-rikorrent irċieva ittra uffiċjali maħruġa taħt l-artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġjiet ta' Malta sabiex iħallas l-ammont ta' 2,772.35 Euro bilanċ dovut minħabba kera ta' meter, disconnection fees u connection fees u spejjeż amministrattivi.*

***Ikkunsidrat***

*Illi r-rikorrent qajjem il-kwistjoni fl-ittra uffiċjali maħruġa ai termini tal-artikolu 466(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi r-rikorrent enfasizza li l-ammont li jista' jinġabar taħt din il-proċedura huwa biss ammonti dovuti għall-provvediment ta' ilma u elettriku u għal kiri ta' meters relatati u xejn aktar. Illi min-naħa tas-soċjetà intimata irrispondiet għal dan billi qalet li l-kelma provvediment tinkludi wkoll dritt, spejjeż u charge ieħor konness mal-istess servizzi. Illi minn dak li jgħid l-artikolu 466(1) li:*

> "Meta kap ta' dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rappreżentanza legali ta' korp magħqud stabbilit bil-liġi jew b'rappreżentanza legali ta' xi kumpannija jew korp ieħor li jkun hekk awtorizzat, bi jew taħt kull liġi, sabiex jiġbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, ikun irid jaġixxi ssabiex jinġabar lura dejn dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil xi uffiċċju amministrattiv tiegħu jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, dwar kull servizz, provvista, penali, kera, ċens, piżijiet oħra fuq beni, kumpens għall-okkupazzjoni u jew għal dritt ta' xi liċenzja jew dritt jew taxxa oħra dovuti, huwa jista' jagħmel dikjarazzjoni tiegħu maħlufa quddiem ir-reġistratur, imħallef jew maġistrat li fiha huwa għandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut."

*Illi f'dan il-każ ir-rikorrent ma ressaq l-ebda prova sabiex jiġi stabbilit li l-ammont dovut jinkludi biss dak li huwa semma fl-eċċezzjoni tiegħu. Illi għandu jingħad li l-istess artikolu 466 jagħmel referenza għal kelma "dejn" u mhux daħal fil-kwistjoni x'tip ta' dejn irid ikun. Illi però dan l-artikolu jenfasizza li dan id-dejn huwa relatat ma' xi tip ta' servizz, provvista jew addirittura kera. Illi f'dan il-każ il-qorti tara li dak li hemm f'dan l-artikolu 466 jinkwadra perfettament għal dak li huwa rikjest lir-rikorrent sabiex iħallas mis-soċjetà intimata. Illi għalhekk din il-Qorti taqbel perfettament ma' dak li qalet is-soċjetà intimata dwar il-fatt li din l-ittra uffiċjali taħt l-artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk qiegħda tiċħad l-eċċezzjoni mqajma mir-rikorrent.*

***Leġittimu Kontradittur***

*Illi jrid jiġi mistħarreġ jekk f'dan il-każ l-ammont dovut huwiex pagabbli mir-rikorrent jew inkella mill-istess kjamat in kawża. Illi r-rikorrent fir-rikors promotur tiegħu qal li huwa ma kienx il-leġittimu kontradittur. Waqt li l-kjamat in kawża semma fir-risposta tiegħu li hu m'għandu l-ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjetà ARMS Ltd. Illi għandu jingħad li l-kwistjoni tal-leġittimu kontradittur hija waħda fundamentali għaliex jekk wieħed jiġi dikjarat li huwa m'għandux ikun parti minn dan il-każ, allura ma tistax tiddeċiedi dwar il-każ fil-konfront tiegħu. Il-Qorti trid teżamina u tiddetermina jekk hemmx relazzjoni ġuridika mas-soċjetà intimata bejn ir-rikorrent kif ukoll il-kjamat in kawża.*

*Illi mill-atti proċesswali jidher li kien ir-rikorrent li kellu s-servizz reġistrat fuq ismu u anki kien imniżżel l-indirizz tiegħu li jindika r-residenza tiegħu barra minn dak fejn hemm reġistrat is-servizz. Illi ħareġ mill-provi li r-rikorrent kien kera mingħand il-kjamat in kawża l-post in kwistjoni fejn is-servizzi tad-dawl u l-ilma kienu jidhru fuq ir-rikorrent. Illi huwa wkoll ċar li r-rikorrent ma baqax jagħmel użu minn dan il-post iżda reġa' għadda f'idejn is-sid u ċioe lill-kjamat in kawża. Illi ħareġ però li ebda parti u ċioe r-rikorrent jew inkella l-kjamat in kawża qatt għamlu xi tentattiv sabiex dan is-servizz jinqeleb minn wieħed għall-ieħor. Illi fil-fatt l-ebda dokument ma tressaq li kien hemm xi applikazzjoni f'dan is-sens. Altru minn hekk, il-kontijiet dejjem inħarġu f'isem ir-rikorrent u mhux fuq il-kjamat in kawża. Illi kien għalhekk biss li fis-sena 2018, li r-rikorrent talab lill-kjamat in kawża biex jinqeleb is-servizz għal fuqu.*

*Is-sentenza li għamlet l-aħjar espożizzjoni tal-figura tal-leġittimu kontradittur hija dik mogħtija fil-5 ta' Ottubru, 2001 mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet* ***Frankie Refalo vs Jason Azzopardi*** *ippreseduta mill-Onor. Prim Imħallef Joseph Said Pullicino fejn qalet hekk:*

> "Din il-Qorti allura tikkonsidra illi biex tistabbilixxi jekk parti in kawża kinitx jew le leġittimu kontradittur tal-parti l-oħra, kellha bilfors tivverifika **prima facie jekk il-persuna ċitata fil-ġudizzju kinitx materjalment parti** fin-negozju li, skont l-attur, ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.
>
> "Jekk dan in-ness jiġi stabbilit, il-persuna ċitata setgħet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi għat-talbiet attriċi, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan in kwantu il-premessi għaliha, jekk provati, setgħu iwasslu għall-kundanna mitluba f'każ li jinstab li l-istess

konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-liġi x'jopponi għaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeċiedi – kif iddeċidiet korrettement f'dan il-każ – illi l-konvenut kien ġie sewwa ċitat in kwantu jkun stabbilit li l-interess ġuridiku tiegħu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu neċessarjament ikun finalment tenut bħala l-persuna responsabbli biex tirrispondi għat-talbiet attriċi kif proposti. Kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attriċi kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn ħaddieħor jew lejn ħaddieħor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jiġi wkoll ċitat bħala leġittimu kontradittur fil-kawża.

"Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti in kawża tkun leġittimu kontradittur lanqas ma kienet tfisser li l-Qorti ma setgħetx, fil-konsiderazzjoni tal-eċċezzjonijiet opposti għat-talbiet, tasal għall-konklużjoni li l-konvenut – dikjarat prima facie leġittimu kontradittur – kien wara t-trattazzjoni tal-kawża jirriżulta għal kollox estraneju għar-responsabbiltajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata.

"Konsidrata f'dawn it-termini, is-sentenza preliminari, li ċaħdet l-eċċezzjoni tal-konvenut li hu ma kienx il-leġittimu kontradittur tal-attur, tirriżulta waħda ġusta, in kwantu l-fatti kif jirriżultaw fl-eżami limitat li l-ewwel Qorti neċessarjament kellha tagħmel, kienu pjenament jiġġusitifikaw il-konklużjoni li l-konvenut appellant kellu għalxiex jirrispondi għat-talbiet attriċi billi dawn kienu adegwatament jistabilixxu li hu kien intrometta ruħhu fin-negozju li minnu oriġinat l-azzjoni. Il-kontestazzjoni dwar l-import ta' dak in-negozju u sa fejn dan kien jitfa' xi responsabbilità fuq il-konvenut appellant, hu proprju l-mertu tal-kawża li għad irid jiġi epurat u deċiż. F'dan ir-rigward il-jeddijiet ta' kull parti in kawża kienu u għadhom impreġudikati kif għadhom impreġudikati l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha avvanzati mill-istess konvenut appellant li dwarhom l-ewwel Qorti għad trid tiddelibera."

*Illi minn din is-sentenza, kull ma jrid jiġi stabbilit hu jekk il-kjamat in kawża u r-rikorrent kellhomx relazzjoni ġuridika f'dan l-għoti tas-servizz mis-soċjetà intimata. Illi f'dan il-każ huwa minnu li l-kjamat in kawża huwa sid il-post iżda r-relazzjoni ġuridika mas-soċjetà intimata hija biss mar-rikorrent u mhux miegħu. Illi f'dan il-każ kif ġie spjegat hawn fuq fis-sentenza ċitata, ma kien hemm ebda relazzjoni ġuridika bejn is-soċjetà intimata u l-kjamat in kawża. Illi għalhekk din taqa' fuq l-istess rikorrent u mhux fuq il-kjamat in kawża sabiex jagħmel tajjeb għal konsum tas-servizz u dan*

*għall-fatt ukoll li min-naħa tiegħu ma għamel xejn biex ineħħi dik ir-relazzjoni li kienet teżisti bejn hu u s-soċjetà intimata sabiex jottjeni t-trasferiment tas-servizzi.*

*Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi, fis-sens fuq espost, tiċħad l-eċċezzjoni tar-rikorrent Kenneth Ruggier li mhux il-leġittimi kontradditturi u tilqa' l-eċċezzjoni tal-kjamat in kawża Alex Baldacchino li mhux il-leġittimu kontradittur.*

***Il-Preskrizzjoni***

*Illi f'dan il-każ ir-rikorrent għamel referenza ukoll għall-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi minn dak li jgħid l-istess artikolu 2156, il-Qorti tagħmel referenza għal dak li hemm fis-sub-artikolu 2156(f) fejn jgħid:*

> **2156** (f) L-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;

*Huwa wkoll fatt li meta l-Qorti tiddetermina li l-preskrizzjoni partikolari eċċepita ma tkunx applikabbli għall-każ in eżami, mhux il-kompitu tagħha li toqgħod tindaga u tara hija stess liema hija l-preskrizzjoni li taqa' fiha din l-azzjoni. Il-Qorti hija marbuta taħt dak li jgħid l-artikolu 2111 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta fejn il-Qorti ma tistax* ex officio *tagħti effett għall-preskrizzjoni, jekk din ma tiġix eċċepita mill-parti interessata. Illi però fi kwalunkwe każ il-preskrizzjoni msemmija taħt l-artikolu 2156 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta hija dik ta' ħames snin. Illi f'dan il-każ anki l-istess soċjetà konvenuta qalet li ladarba li s-servizz għadu installat fil-fond in kwistjoni u għadhom joħorġu l-kontijiet u għalhekk ma hemmx preskrizzjoni. Sejra ssir referenza għal kawża fl-ismijiet* ***Fenech Plant Hire Limited vs P. Montebello****, deċiża fit-13 ta' Marzu, 2009 intqal hekk mill-Qorti tal-Appell:-*

> "Hu ben saldat fid-dottrina legali u fil-ġurisprudenza illi meta tiġi opposta l-preskrizzjoni l-konvenut ma għandu għalfejn jipprova xejn iżjed ħlief id-dekorriment taż-żmien. Jaggrava fuq l-attur illi jiddemostra illi dik il-preskrizzjoni ma kinitx ammissibbli għall-fattispeċi tal-kawża, jew, alternattivament, jekk applikabbli, illi l-istess preskrizzjoni ġiet sospiża jew interrotta. Jinżel minn dan illi l-perkors li suppost kellha ssegwi l-ewwel Qorti kellu jkun dan:-
>
> (1) Ir-riċerka u l-verifika jekk il-preskrizzjonijiet eċċepiti, jew xi waħda minnhom, kinux jew le opponibbli għat-talba;

(2) F'każ ta' applikabilità ta' xi waħda minnhom, jekk il-perijodu preskrittiv ġiex interrott għal motiv dedott mis-soċjetà attriċi;
(3) Stabbilita din l-interruzzjoni, id-determinazzjoni tal-mument storiku li fih avverat."

*Madanakollu, il-Qorti trid tara jekk hix tal-fehma illi f'dan il-każ jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2156(f) fejn jikkontempla l-preskrizzjoni ta' ħames snin. Illi għalhekk din il-Qorti trid tara jekk fil-fatt dak li huwa mitlub mis-soċjetà konvenuta huwa kreditu li huwa msemmi f'dak li hemm fl-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi b'referenza għal dak li hemm fl-artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta fil-kawża fl-ismijiet* ***Giovanni Saliba et vs Angelo Grech*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Frar, 1949 li fejn fl-artikolu 2156(f) jingħad* "għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor ..." *dik il-kelma "ieħor" turi biċ-ċar illi l-leġislatur qiegħed jikkommetti din id-dispożizzjoni mas-sezzjonijiet preċedenti, fejn huma indikati krediti speċifiċi.*

*Huwa għalhekk prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza li l-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2156(f) hija soġġetta għal interpretazzjoni* ***eiusdem generis.*** *Għaldaqstant, il-kelma "kreditu" minħabba fir-restrizzjoni tar-regola ta' interpretazzjoni ta'* ***eiusdem generis,*** *tiġbor fiha biss jeddijiet li huma tal-istess natura bħal jeddijiet l-oħra msemmija fl-artikolu 2156. F'dan il-kuntest, ta' min jgħid li l-ebda wieħed mill-krediti msemmija fl-artikolu 2156 ma huwa kreditu ta'* obbligazione di fare*, imma huma kollha obbligazzjonijiet għall-ħlas ta' flus. Dan iġib miegħu l-effett li l-obbligazzjoni li kontra tagħha titressaq eċċezzjoni bħal din trid tkun waħda għall-ħlas ta' flus bħal ma hu f'dan il-każ partikolari fejn qiegħed jintalab il-ħlas ta' kera ta' meter, konsum ta' elettriku, u spejjeż oħra amministrattivi msemmija fl-ittra uffiċjali.*

*Fil-fatt, fil-kawża* ***Giovanni Mifsud vs Giuseppe Pullicino*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Ottubru, 1954, ingħad li:*

> "... jidher illi l-krediti msemmija fid-dispożizzjoni tal-liġi 'l fuq indikata jirrigwardaw bħala regola dawk li jkollhom bħala oġġett flus: jiġifieri dawk tal-prestazzjonijiet aċċessorji, jirrigwardaw dejjem oġġett li jkun flus, u dawk tal-prestazzjonijiet prinċipali jirrigwardaw oġġett li jkun jew flus jew ħaġa funġibbli bħal ma huma l-flus."
>
> "Kull kreditu ieħor, hemm imsemmi ma għandux jinftiehem illi jista' jkun kwalunkwe kreditu li jkun, imma dak biss li mhux imsemmi espressament fl-istess dispożizzjoni u li jkollu l-istess natura bħal flus ...".

*Dan ifisser li din il-preskrizzjoni tapplika għal żewġ ordni ta' krediti: jiġifieri l-prestazzjonijiet aċċessorji jkunu liema jkunu, u uħud mill-prestazzjonijiet ewlenin jew prinċipali. Tal-ewwel jirrigwardjaw dejjem oġġett li jkun flus, filwaqt li tat-tieni jirrigwardaw flus jew ħaġa funġibbli bħalma huma l-flus. (ara wkoll* ***Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd.*** *PA 12-Ott-2004).*

*Il-Qorti tara li l-Artikolu 2156(f) japplika fir-rigward ta' ħlas ta' kreditu għal provvista ta' servizz li jissokta u li joħroġ minn ftehim bil-miktub, billi l-elementi kollha meħtieġa biex titqies eċċezzjoni bħal din jikkonkorru. Il-kreditu huwa wieħed li joħroġ minn relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet, liema kreditu la jirriżulta minn xi att pubbliku u lanqas ma jaqa' taħt perijodu ta' preskrizzjoni aqsar.*

*Fil-każ in eżami, il-ħlas li qed jintalab huwa ħlas ta' flus u ta' natura funġibbli. U għaldaqstant, jaqa' taħt il-preskrizzjoni ċitata hawn fuq ċioe dik ta' ħames snin. Illi l-ammont dovut beda mis-sena 2007. Ma hemm ebda prova oħra li r-rikorrent kien ħallas xi kontijiet pendenti li kellu mas-soċjetà intimata.*

*L-ittra uffiċjali taħt l-artikolu 466 ġiet notifikata lir-rikorrenti fit-2 t'Awwissu, 2016. Illi però jidher li mid-dokumenti esebiti qatt ma tressaq xi dokument li juri li kien hemm talba għal waqfien ta' xi servizz. Illi però jirriżulta li skont l-Artikolu 72 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 545.02 "****Regolamenti fuq il-Provvista tal-Elettriku****" fejn tgħid li:*

> "Ebda konsumatur ma jeħles mill-obbligu tal-ħlasijiet tal-ħlas tal-meter jew tal-konsum f'lok mgħammar minnu kemm-il darba u sakemm ma jagħtix avviż bil-miktub liċ-Chairman fejn ifissirlu li ma bi ħsibux jibqa' juża l-kurrent elettriku minn dik id-data li tingħata minnu, u kemm-il darba u sakemm ma jkunx ħallas kull somma ta' flus li l-konsumatur ikollu jagħti taħt dawn ir-regolamenti."

*Illi kif diġà ġie aċċennat fl-artikolu 72 tar-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Elettriku jagħmilha ċara li tali waqfien għandu jingħata biss jekk ikunu tħallsu dak li huwa dovut lil min jipprovdi s-servizz tad-Dawl. Illi jidher li qabel is-sena 2007 ma kienx hemm talba biex is-servizz jinqata' jew inkella jiġi mdawwar fuq persuna oħra. Illi għalhekk kien hemm konsum anki wara d-data kif ukoll ħlas tal-kirjiet tal-arloġġi. Huwa minnu kif argumenta r-rikorrent li huwa kien telaq minn ġewwa l-post li huwa kien jikri mingħand il-kjamat in kawża iżda ma kien għamel xejn biex ineħħi s-servizz minn fuqu iżda prova jagħmel dan waqt il-mori ta' dawn il-proċeduri. Illi għalkemm qal fir-rikors promutur li kien applika sabiex jitneħħa dan is-servizz prova ta' dan qatt ma nġiebet.*

*Illi wara li ġie determinat taħt liema artikolu tal-Liġi l-azzjoni tista' tkun preskritta issa jrid jiġi kkunsidrat jekk ir-rikorrent bħala l-eċċipjent tal-preskrizzjoni f'dan il-każ, tax effett lill-preskrizzjoni minnu eċċepita billi segwa l-proċedura rikjesta* ad validitatem *mill-Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili. Illum dan l-Artikolu jistipula illi:-*

> (1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.

*L-imsemmi l-Artikolu 2160 kif emendat bis-saħħa tal-emendi introdotti bl-Att I tal-2017 u immedjatament wara, bl-Att VIII tal-2017, ma kienx għadu fis-seħħ meta ġiet intavolata din il-kawża. Dan qiegħed jingħad li din il-kawża ġiet reġistrata fid-19 t'Awwissu, 2016 u għalhekk l-emendi ma jolqtux l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mir-rikorrent f'dawn il-proċeduri. Illi kieku kien għall-każ odjern, kif ġie ritenut fis-sentenza riċenti fl-ismijiet* ***P&S limited et vs Noel Zammit et****, deċiża fis-16 ta' Frar, 2018 mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fejn ġie trattat l-emendi li saru fl-Artikolu 2160:-*

> "... l-eċċezzjoni taħt Artikolu 2156(f) u (d) tal-Kodiċi Ċivili ma tirnexxix għas-sempliċi raġuni li jkunu għaddew ħames snin. It-terminu imsemmi fir-rigward tal-artikoli 2156(d) u (f) tal-Kodiċi Ċivili huwa biss wieħed u mhux l-uniku ingredjent biex tirnexxi din id-difiża. Dak li jiddisponi dan l-artikolu jrid ikun abbinat mal-ingredjent l-ieħor kumulattiv ta' natura proċedurali, li jikkommina l-artikolu 2160(1) tal-Kodiċi Ċivili."

*Illi għalhekk f'dan il-każ l-applikazzjoni tal-artikolu 2160 ma japplikax minħabba li dawn il-proċeduri seħħew qabel ma daħal fis-seħħ dan l-artikolu 2160 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk jiibqa' f'dan il-każ jekk l-azzjoni hix preskritta bit-terminu ta' ħames snin kif inhu stipulat taħt l-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16* [recte] *tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Din l-azzjoni ġiet mibdija minn soċjetà li għandha s-setgħa li tiġbor dawk il-krediti u tuża l-istess artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi madankollu, il-Qorti hija marbuta li tapplika dak li hemm fil-Liġi. Illi kif diġà ġie aċċennat ir-regolamenti li jispeċifikaw li l-ħlas dovut irid isir u mhux issir talba sabiex jitneħħa servizz biss. Illi għalhekk tqis li l-ammont dovut li jrid jitħallas huwa dak mis-sena 2011 meta b'att ġudizzjarju taħt l-artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ġabet l-*

*interruzzjoni tal-preskrizzjoni taħt dak li hemm fl-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

***Decide:***

***Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċiedi billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-kjamat in kawża Alex Baldacchino, u tiċħad it-talba tar-rikorrenti billi tiddikjara li t-talba magħmula bl-ittra uffiċjali numru 1068/2016 mibgħuta lir-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta fl-ismijiet* Automated Revenue Management Services Ltd vs Kenneth Ruggier *għandha tiġi esegwita bħala titolu eżekuttiv, senjatament mid-data tat-2 t'Awwissu, 2011 u ċioe ħames snin qabel, minn meta r-rikorrenti Keith Ruggier ġie notifikat bl-ittra uffiċjali li interrompiet il-preskrizzjoni.***

***Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent Kenneth Ruggier inkluż dik tal-ittra uffiċjali numru 1068/2016 bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-ittra uffiċjali sad-data tal-pagament effettiv."***

## L-Appell

10. L-appellant ħassu aggravat bis-sentenza appellata, u ressaq l-appell tiegħu minnha permezz ta' rikors tal-appell fejn talab lill-Qorti tilqa' l-appell tiegħu, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tgħaddi sabiex tiddikjara t-talba tas-soċjetà appellata bħala infondata fil-fatt u fid-dritt, u għalhekk jiġi deċiż li l-ebda ammont m'huwa dovut minnu lis-soċjetà appellata, u minflok tgħaddi biex tikkundanna lill-kjamat appellat Alex Baldacchino jħallas l-ammont dovut, bl-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri.

11. Fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jgħid li dawn il-proċeduri jirrigwardaw is-somma ta' €2,772.35 li s-soċjetà appellata talbet mingħandu, rappreżentanti bilanċ allegatament dovut minnu għall-konsum ta' elettriku, kera ta' *meter,* spejjeż amministrattivi, *connection* u *disconnection fees,* u l-

imgħaxijiet dovuta b'rabta mal-kont tas-servizzi bin-numru 101000031078 installati fil-fond, liema somma tkopri l-perijodu bejn il-11 ta' Ottubru, 2007 u l-5 ta' April, 2016. Qal li huwa kkontesta l-pretensjonijiet tas-soċjetà appellata billi sostna li l-fond in kwistjoni mhuwiex proprjetà tiegħu, u minkejja li huwa kien jokkupa dan il-fond b'titolu ta' kera mingħand il-kjamat appellat, huwa kien ivvaka dan il-fond diversi snin ilu. Qal li mid-depożizzjoni li ta Reuben Bonnici quddiem l-Ewwel Qorti, għandu jirriżulta li fl-2007, il-bilanċ dovut mis-soċjetà appellata fuq il-kont mertu ta' dawn il-proċeduri kien ta' €7.31 (LM3.14), u l-kjamat appellat stess xehed li huwa l-proprjetarju tal-fond, u l-appellant kien ivvaka minnu f'Ottubru tal-2005. L-appellant qal li l-kjamat appellat stess kien qal li huwa qatt ma kien ħallas il-kont mertu ta' dawn il-proċeduri għaliex huwa qatt ma rċieva kont mingħand s-soċjetà appellata, u minkejja li l-appellant kien ivvaka l-fond diversi snin ilu, l-appellant kien baqa' reġistrat bħala l-konsumatur tas-servizzi li huma installati fil-fond. L-appellant qal li billi fuq ammissjoni tal-kjamat appellat, kien huwa stess li kien u għadu jagħmel użu mis-servizzi li pprovdiet is-soċjetà appellata mill-2007 'il quddiem, meta l-bilanċ dovut kien wieħed negliġibbli, għandu jkun il-kjamat appellat li għandu jwieġeb għall-pretensjoni tas-soċjetà appellata. Qal li l-Ewwel Qorti ddeċidiet li huwa leġittimu kontradittur għaliex huwa kien għadu reġistrat bħala konsumatur fuq il-fond. Qal li huwa jemmen li l-Ewwel Qorti naqset milli tqis wieħed mill-iskopijiet ewlenin li għandha persuna li tissejjaħ f'kawża, bħal ma ġara fil-każ odjern. Qal ukoll li ladarba fi kliem il-kjamat appellat stess, l-appellant kien ivvaka mill-fond fl-2005, huwa m'għandux jinżamm responsabbli għall-ħlas tal-kontijiet mill-2005 'il quddiem. Qal li wieħed mill-iskopijiet ewlenin għalfejn

persuna tiġi kkjamata fil-kawża, huwa għal ekonomija tal-ġudizzju, u f'dan il-kuntest għandu jingħad li permezz tal-ittra legali tal-21 ta' Frar, 2018, l-appellant interpella lill-kjamat appellat sabiex iħallas l-ammont pretiż direttament lis-soċjetà appellata u sabiex jersaq ħalli ssir id-debita korrezzjoni fl-identità tal-konsumatur fuq il-kont in kwistjoni, jiġifieri sabiex jitneħħa l-appellant u jiġi rreġistrat il-kjamat appellat bħala proprjetarju u utent effettiv tal-fond u tas-servizzi installati fih. Żied jgħid li minkejja dan, il-kjamat appellat baqa' inadempjenti, u la resaq biex iħallas l-ammont pretiż, u lanqas biex issir id-debita bidla bħala konsumatur. Qal li l-kjamat appellat m'għandu l-ebda interess li jagħmel xi waħda minn dawn l-affarijiet, u dan għaliex huwa qiegħed komdu bl-appellant jiġi mħarrek ġudizzjarjament sabiex iħallaslu l-kontijiet.

12. L-appellant qal li l-iskop wara s-sejħa tal-kjamat appellat fil-kawża, kien li l-kjamat appellat ikun jista' jinżamm responsabbli għall-konsum tiegħu stess, sabiex jiġi evitat li l-appellant, jekk jiġi kkundannat fil-proċeduri odjerni, ikollu jagħmel proċeduri ta' rivalsa kontra l-kjamat appellat sabiex jiġbor l-ammont li huwa jkun ġie inġustament ikkundannat biex iħallas, u sabiex isseħħ il-bidla fil-konsumatur li hemm bżonn li ssir. Qal li dan arreka preġudizzju gravi lilu in kwantu huwa ġie effettivament ikkundannat iħallas għall-konsum fil-perijodu bejn l-2011 u l-2016, li ma kienx jirrappreżenta konsum tiegħu, iżda konsum tal-kjamat appellat jew ta' terzi, u l-appellant sa mill-2005 ma kellu xejn x'jaqsam magħhom. Qal li għalhekk l-Ewwel Qorti kellha tilqa' r-rikors tiegħu tad-19 t'Awwissu, 2016, u kellha tikkundanna lill-kjamat appellat sabiex iħallas l-ammont pretiż.

13. Fit-tieni aggravju tiegħu, l-appellant qal li huwa ntalab iħallas għall-konsum li jkopri l-perijodu bejn il-11 ta' Ottubru, 2007 u l-5 ta' April, 2016. Qal li l-Ewwel Qorti, minkejja li ċaħdet ir-rikors tiegħu bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu, effettivament laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni li ġiet sollevata minnu, tant hu hekk li ddikjarat li l-ittra uffiċjali għandha tiġi ddikjarata titolu eżekuttiv b'effett mit-2 t'Awwissu, 2011. Qal li wara li ġiet milqugħa l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, l-ammont li kien qiegħed jiġi reklamat mill-appellata għall-perijodu bejn il-11 ta' Ottubru, 2007 u l-1 t'Awwissu, 2011 ġie dikjarat bħala preskritt u mhux dovut, b'dan illi fadal biss li huwa dovut l-ammont għall-perijodu bejn l-1 t'Awwissu, 2011 u l-5 t'April, 2016. L-appellant qal li quddiem dawn iċ-ċirkostanzi, ir-rikors promutur tiegħu ma kellux jiġi miċħud fl-intier tiegħu, iżda ladarba ġiet milqugħa l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, kellu jkun hemm temperament xieraq fil-kap tal-ispejjeż, ladarba kien ġie deċiż mill-Ewwel Qorti li kważi nofs il-pretensjoni tal-appellata ġiet meqjusa li kienet preskritta jew mhux dovuta.

**<u>Ir-Risposti tal-Appell</u>**

14. Is-soċjetà appellata fir-risposta tagħha qalet li fattwalment għandu jirriżulta li l-kont bin-numru 101000031078 relatat mas-servizz tad-dawl u l-ilma fil-fond, huwa reġistrat f'isem l-appellant, u fuq dan il-kont akkumula dejn li baqa' ma tħallasx mill-appellant. Qalet li l-appellant fl-*affidavit* tiegħu qal li kien jikri l-fond mingħand il-kjamat appellat, u li huwa kien irritorna l-pussess tal-fond lis-sid, u meta seħħ dan kienu imlew iċ-*change of consumer form.* Qalet ukoll li skont dak li xehed Reuben Bonnici in rappreżentanza tas-soċjetà

appellata, il-formula ta’ trasferiment baqgħet ma ġietx rintraċċata. Qalet li l-kjamat appellat xehed li huwa qatt ma ffirma karti tat-trasferiment, u huwa qatt ma mar x’imkien biex idawwar l-arloġġ. Qalet li kien għalhekk li l-ittra uffiċjali da parti tas-soċjetà appellata ġiet intavolata kontra l-appellant.

15. L-appellata qalet li s-sentenza appellata hija ġusta u għandha tiġi kkonfermata. B’riferiment għall-ewwel aggravju tal-appellant, is-soċjetà appellata qalet li l-Ewwel Qorti kienet korretta fid-deċiżjoni tagħha fis-sens li r-relazzjoni ġuridika tagħha kienet biss mal-appellant u mhux mal-kjamat appellat. Qalet li mill-provi prodotti jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-kont bin-numru 101000031078 huwa intestat f’isem l-appellant Kenneth Ruggier, u dan kif jirriżulta mill-kontijiet esebiti quddiem l-Ewwel Qorti. Is-soċjetà appellata qalet li abbażi tax-xhieda mogħtija, għandu jirriżulta li l-appellant mhux biss huwa leġittimu kontradittur, imma huwa responsabbli għall-ħlas tal-kontijiet li baqgħu jinħarġu f’ismu. Qalet li għalkemm fl-istitut tal-kjamat in kawża, kull persuna msejħa fil-kawża għandha titqies bħal kull konvenut ieħor, fil-każ odjern ma kienx hemm relazzjoni ġuridika bejn is-soċjetà appellata u l-kjamat appellat. L-appellata qalet ukoll li r-responsabbilità għall-ħlas ma tinħelisx anke jekk wieħed jittrasferixxi l-pussess jew l-użu tal-fond, u *ai termini* tar-Regolament 72 tar-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Elettriku (L.S. 545.01), jekk konsumatur ma jinfurmax liċ-Chairman tagħha li mhuwiexx bi ħsiebu jibqa’ juża l-kurrent elettriku, huwa ma jeħlisx mill-obbligu tal-ħlasijiet tal-*meter* jew tal-konsum. Is-soċjetà appellata qalet li ladarba l-appellant naqas milli jinforma lis-soċjetà appellata li xtaq iwaqqaf jew jittrasferixxi l-arloġġ, anke meta kien reġa’

rċieva l-kontijiet, huwa baqa' responsabbli għall-ħlas tal-kontijiet u l-ammonti pendenti baqgħu jitilgħu.

16. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellant, is-soċjetà appellata qalet li l-Ewwel Qorti, filwaqt li ċaħdet it-talbiet tal-appellant, iddeċidiet li l-ittra uffiċjali numru 1068/2016 għandha tiġi esegwita bħala titolu eżekuttiv kontra l-appellant, senjatament mid-data tat-2 t'Awwissu, 2011, jiġifieri minn ħames snin qabel minn meta l-appellant ġie notifikat bl-ittra uffiċjali li interrompiet il-preskrizzjoni. Qalet li ladarba t-talba tal-appellant ġiet miċħuda mill-Ewwel Qorti, u konsegwentement iddikjarat li l-ittra uffiċjali għandha tiġi esegwita bħala titolu eżekuttiv fil-konfront tal-appellant, anke jekk għal ammont inqas minn dak reklamat fl-istess ittra in vista tal-preskrizzjoni, l-appellant għandu jbati l-ispejjeż tal-proċeduri odjerni.

17. Il-kjamat appellat fir-risposta tiegħu qal ukoll li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma partikolarment fil-parti fejn laqgħet l-eċċezzjonijiet kollha tal-kjamat appellat. Qal li l-fond fejn kien hemm installat il-*meter* in kwistjoni huwa ħanut wieħed minn madwar ħamsa u għoxrin ħanut li lkoll jinsabu magħluqa, u li l-appellant ilu diversi snin ma jagħmel użu minnhom. Huwa qal li l-meta l-appellant ivvaka l-fond in kwistjoni, jirriżulta li huwa m'għamel xejn biex il-*meter* li jservi l-fond li kien mikri lilu, jiġi terminat jew jiġi ttrasferit f'isem il-kjamat appellat. Qal li huwa ma kien jaf b'xejn dwar dan qabel issejjaħ f'din il-kawża. Qal li kien impossibbli għalih li jkun jaf għaliex huwa għandu diversi *meters* fil-binja fejn jinsab il-fond in kwistjoni, u huwa qatt ma rċieva xi kont. Il-kjamat appellat qal li minkejja l-interpellanzi li saru tul is-snin

lill-appellant, huwa baqa' għal snin sħaħ ma nfurmahx bil-kwistjoni, ħlief meta ttieħdu l-proċeduri li wasslu għall-kawża odjerna. Qal ukoll li huwa qatt m'għamel użu mill-*meter* li dwaru ħarġu l-kontijiet in kwistjoni, u għalhekk huwa m'għamel l-ebda gwadann minnu. Il-kjamat appellat qal li għalhekk m'hemmx dubju li għal dak li jirrigwarda r-responsabbilità tiegħu, l-Ewwel Qorti kienet altru milli ġusta fis-sentenza tagħha, u għalhekk l-aggravji tal-appellant għandhom jiġu miċħuda.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

18. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant fid-dawl ta' dak li ddeċidiet l-Ewwel Qorti, u dan meħudin in konsiderazzjoni wkoll is-sottomissjonijiet tal-appellati. L-appell tal-appellant huwa bbażat fuq żewġ aggravji, fuq il-fatt li l-Ewwel Qorti sabet li huwa għandu jitqies li huwa leġittimu kontradittur għat-talbiet tas-soċjetà appellata, u l-fatt li huwa ġie kkundannat jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-kawża. L-appellant jgħid li mill-provi kellu jirriżulta, anki fuq ammissjoni tal-kjamat appellat innifsu, li huwa ilu li ħareġ mill-fond mertu ta' dawn il-proċeduri mis-sena 2005, u l-konsum li għalih qiegħed jintalab il-ħlas ġie rreġistrat bejn l-2007 u l-2016, f'liema perijodu ta' żmien huwa ma kienx fil-pussess tal-fond.

*L-ewwel aggravju:* *leġittimu kontradittur*

19. L-appellant jgħid li l-fond li fuqu nħarġu l-kontijiet mertu ta' dawn il-proċeduri mhuwiex proprjetà tiegħu u kien mikri lilu, u huwa ilu li ħareġ mill-

fond mill-2005. Qal li mill-provi rriżulta li sal-2007, il-bilanċ fuq dan il-kont kien ta' €7.31, u għalhekk kwalunkwe ħlas għall-konsum li qiegħed jiġi pretiż huwa għal konsum li sar minn terzi u mhux minnu. Żied jgħid li huwa talab is-sejħa fil-kawża ta' Alex Baldacchino, sid il-fond, għal raġunijiet ta' ekonomija tal-ġudizzju, u dan għaliex ladarba l-ħanut in kwistjoni kien fil-pussess tas-sid, għandu jsegwi li huwa s-sid li għandu jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tas-soċjetà appellata.

20. Il-Qorti tqis li fil-każ odjern l-unika relazzjoni ġuridika li għandha s-soċjetà appellata hija mal-appellant, għaliex minkejja li dan xehed li kienet saret iċ-*change of consumer form* meta huwa vvaka l-fond, ir-rappreżentant tas-soċjetà appellata xehed li ma nstabet l-ebda traċċa ta' din il-formula. Il-kjamat appellat xehed ukoll li huwa ma jiftakarx li xi darba mar mal-appellant f'xi uffiċċju biex il-kontijiet jinqalbu minn fuq l-appellant għal fuq is-sid tal-fond. Quddiem in-nuqqas ta' prova li tabilħaqq kien hemm bidla fil-konsumatur, is-soċjetà appellata baqgħet taf biss lill-appellant, u kien għalhekk li l-ittra uffiċjali għall-ħlas inħarġet kontra l-appellant. Mill-provi jirriżulta wkoll li minkejja li l-appellant irċieva numru ta' kontijiet fl-indirizz postali li huwa rreġistrat fuqu, huwa baqa' m'għamel xejn sabiex jirregolarizza s-sitwazzjoni tiegħu mas-soċjetà appellata, u xehed li l-unika ħaġa li kien jagħmel kienet li jimposta l-kontijiet li jirċievi lill-kjamat appellat. Kien biss meta nfetħu dawn il-proċeduri li l-appellant interpella lill-kjamat appellat sabiex jersaq ħalli jimtlew il-formuli relattivi, u sabiex dan iħallas l-ammont pretiż mis-soċjetà appellata. Naturalment, il-kjamat appellat baqa' inadempjenti quddiem it-talbiet tal-appellant. Madanakollu, għandu jirriżulta li ladarba r-relazzjoni ġuridika tas-soċjetà appellata kienet mal-

appellant, hija kienet korretta meta bagħtet l-ittra uffiċjali u interpellat lill-appellant għall-ħlas. Huwa l-obbligu ta' min f'ismu huwa rreġistrat il-kont u ta' min f'ismu qegħdin jinħarġu l-kontijiet, li jassigura li ladarba huwa m'għandux aktar x'jaqsam mal-fond jew mal-kont in kwistjoni, jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu billi jinforma lis-soċjetà appellata b'dan. Fin-nuqqas, huwa l-utent irreġistrat li jibqa' obbligat li jħallas l-kontijiet li jinħarġu. L-appellant jgħid li mill-provi rriżulta li sal-2007, il-konsum fuq dan il-fond kien wieħed negliġibbli, iżda għandu jirriżulta wkoll li l-ħlas pretiż qiegħed jintalab, fil-parti l-kbira tiegħu, għall-kera tal-*meters* u għall-ħlasijiet anċillari mas-servizz li ngħata fil-fond li kien jikri l-appellant. Il-fatt li għal dawn is-snin kollha huwa baqa' m'għamel xejn biex jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu u biex jeżimi ruħhu mir-responsabbilità għall-ħlas, partikolarment wara li beda jirċievi l-kontijiet li bdew jintbagħtulu, jirrendieh responsabbli għall-ħlas tal-ammont li qiegħed jintalab mis-soċjetà appellata. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li l-ewwel aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju: l-ispejjeż*

21. L-appellant żied jgħid li huwa ħassu aggravat għaliex huwa ġie kkundannat jagħmel tajjeb għall-ispejjeż kollha marbuta mal-proċeduri li saru quddiem l-Ewwel Qorti, u dan meta l-Ewwel Qorti, minkejja li ċaħdet l-eċċezzjonijiet tiegħu, laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u ordnat li għandu jsir il-ħlas biss għall-ħames snin ta' qabel ġiet interrotta l-preskrizzjoni. Qal li l-fatt li

huwa ma ġiex ikkundannat iħallas l-ammont kollu, għandu jfisser li huwa ma kellux jiġi kkundannat għall-ispejjeż kollha tal-kawża.

22. Il-Qorti tirrileva li l-artikolu 223 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jistabbilixxi li hija l-parti telliefa li għandha tiġi kkundannata tħallas l-ispejjeż. L-appellant jikkontendi li l-Ewwel Qorti tatu raġun parzjali meta ddeċidiet li tilqa' l-eċċezzjoni tiegħu li għandu japplika t-terminu preskrittiv ta' ħames snin, u għalhekk iddeċidiet li l-ħlas jista' jintalab biss għall-ħames snin ta' qabel ġiet interrotta l-preskrizzjoni. Il-Qorti tqis li s-soċjetà appellata, bagħtet kont li jkopri perijodu twil ta' snin bejn l-2007 u l-2016, minkejja li kienet taf li f'każ li titqajjem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, il-Qrati tagħna huma konsistenti fl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-liġi, u jikkonċedu biss ħlas li jmur lura għaż-żmien applikabbli safejn jirriżulta li l-preskrizzjoni ġiet interrotta. Fil-każ odjern iż-żmien applikabbli ta' preskrizzjoni huwa ta' ħames snin bl-applikazzjoni tal-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. Quddiem dawn il-konsiderazzjonijiet u l-fatti li jirriżultaw, il-Qorti tqis li għandu jkun hemm temperament fil-kap tal-ispejjeż, u l-ispartizzjoni għandha ssir fil-proporzjon ta' 25% għas-soċjetà appellata u 75% għall-appellant.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell odjern billi filwaqt li tiċħad l-ewwel aggravju, tilqa' t-tieni aggravju b'mod limitat, b'dan illi l-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti u f'din l-istanza għandhom**

**jitħallsu kwantu għal 75% mill-appellant u kwantu għal 25% mis-soċjetà appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**